DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 181685** **30.07.2018**

## STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER

***Il-Fondazzjoni għall-Ħarsien Soċjali tippreżenta r-rapport annwali lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia laqa' fl-uffiċċju tiegħu lis-Sur Alfred Grixti, CEO tal-Fondazzjoni għall-Ħarsien Soċjali li ppreżenta r-rapport annwali għas-sena 2017.

Is-Sur Grixti qal li dan ir-rapport jixhed il-ħidma li wettqet il-fondazzjoni u li hi biss id-dedikazzjoni tal-ħaddiem li wasslet għal dan is-suċċess.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia sellem lis-Sur Grixti u lid-delegazzjoni li kienet qed takkumpanjah. Qal li jinsab sodisfatt bil-ħidma tal-fondazzjoni hekk kif l-uffiċċju tiegħu stess kien avviċinat dwar każi varji li l-fondazzjoni rat u esegwixxiet b'mod ġust u mingħajr dewmien.

L-Ispeaker informa lil dawk preżenti li r-rapport se jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fl-ewwel sessjoni meta l-Parlament jiltaqa' nhar l-1 ta' Ottubru.

**Attachments: photos**



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**